# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 19 ta' Ottubru, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**vs**

**Nicol Mifsud**

**Kump Numru: 365/2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Nicol Mifsud ta' 20 sena, iben Robert u Sonia nee Mifsud, imwieled Pieta' nhar l-20 ta' Mejju, 2002, residenti gewwa 64 Flat 6, Triq Ix-xitwa Qormi, u detentur ta` karta tal-Identita' numru 0188802LM.

Akkuzat talli fil-perjodu ta' bejn id-19 ta' April u l-24 ta' April 2022 f'diversi hinijiet, f'diversi bnadi f'dawn il Gzejjer Maltin ikkaguna lill-eks siehba tieghu u cioe Megan Marissa Briffa ID 0171601L, fastidju ghal iktar minn darba u gab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta fastidju ghall-eks siehba tieghu Megan Marissa Briffa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra mill tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas- sigurta ta' l-allegata vittma.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Nicol Mifsud a benefiċju ta' Megan Marissa Briffa u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali kwazi netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 251A, 251H(a)(b), 251HA, 221(1), 202(h)(i)(j) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht **Ordni a' Probation ghal perjodu ta' sentejn** u bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 382A u 412C ta' l-istess Kapitolu 9 sa biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmi Megan Marissa Briffa qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta' Trazzin ghal perjodu ta' sentejn** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija u jekk jikkommetti reat iehhor fi zmien sentejn.

Il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**